KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fis-6 ta' Settembru 2017[1]

Kawża C-367/16

Proċeduri kriminali
kontra
Dawid Piotrowski

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-hof van beroep te Brussel (qorti tal-appell ta' Brussell, il-Belġju)]

"Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Mandat ta' arrest Ewropew – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju tal-mandat ta' arrest Ewropew – Minuri – Responsabbiltà kriminali – Prinċipju ta' "preferenza edukattiva" – Dritt tat-tfal – Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

1. It-talba għal domanda preliminari preżenti, imressqa mill-hof van beroep te Brussel (qorti tal-appell ta' Brussell, il-Belġju), taqa' taħt il-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-Belġju, maħruġ fis-17 ta' Lulju 2014, mill-awtoritajiet Pollakki kontra Dawid Piotrowski, ċittadin Pollakk li jirresjedi fil-Belġju, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' żewġ pieni ta' priġunerija.

2. Iktar preċiżament, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna, għall-ewwel darba, sabiex tinterpreta l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri[2], kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009[3] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584"). Din id-dispożizzjoni tipprevedi raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju tal-mandat ta' arrest Ewropew meta l-persuna li hi s-suġġett ta' dan il-mandat ma tistax, minħabba l-età tagħha, tinżamm kriminalment responsabbli għall-fatti li fuqhom hu bbażat l-imsemmi mandat, skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

3. F'dawn il-konklużjonijiet ser nispjega għaliex l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika minħabba s-sempliċi fatt li l-awtur tar-reat li kontrih ikun inħareġ dan il-mandat huwa minuri.

4. Wara ser nindika r-raġunijiet għaliex nikkunsidra li l-Artikolu 3(3) ta' din id-deċiżjoni qafas, moqri fid-dawl tal-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[4], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jirrifjuta li jikkonsenja lil minuri meta dan tal-aħħar, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-età tiegħu fil-mument li fih twettaq ir-reat, ma tista' tiġi applikata kontrih l-ebda piena abbażi tad-dritt ta' dan l-Istat. Bil-kontra, l-Istat Membru ta'

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34.

3 ĠU 2009, L 81, p. 24.

4 Iktar 'il quddiem il-"Karta".

eżekuzzjoni jkollu jipproċedi għall-konsenja tal-minuri kull darba li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-età tiegħu fil-mument li fih twettaq ir-reat, il-piena subita fl-Istat Membru emittenti tikkorrispondi, fin-natura u fil-livell ta' daqs tagħha, ma' piena li setgħet tiġi subita jew imposta fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

5. Fil-każ ta' rifjut tal-konsenja tal-minuri mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dan tal-aħħar ikollu jissodisfa, fir-rigward ta' dan il-minuri, l-obbligi ta' teħid ta' responsabbiltà fil-kuntest tal-assistenza edukattiva li huwa marbut biha.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

6. Il-premessi 5 sa 8 u 10 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huma redatti kif ġej:

"(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u li din tiġi sostitwita b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' sistema ssimplifikata ġdida ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jew biex jiġu sottoposti għal azzjoni kriminali, jagħmilha possibbli li jitneħħew il-komplessità u l-potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' koperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu sostitwiti b'sistema ta' moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tingħata s-sentenza kif ukoll dawk finali, fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-koperazzjoni ġudizzjarja.

(7) Billi l-għan tas-sostituzzjoni tas-sistema ta' estradizzjoni multilaterali mibnija fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 ma jistax jintlaħaq sew mill-Istati Membri li jaġixxu unilateralment u jista' għalhekk, minħabba fl-iskala u fl-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell ta' l-Unjoni, il-Kunsill jista' jadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà msemmi fl-Artikolu [3 TUE] u l-Artikolu 5 [TUE]. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu ta' l-aħħar, din id-Deċiżjoni Kwadru ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(8) Id-deċiżjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li jfisser li awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru fejn il-persuna rikjesta ġiet arrestata jkollha tieħu d-deċiżjoni dwar il-konsenja tagħha.

[…]

(10) Il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri […]."

7. Skont l-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit":

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 [TUE]."

8. L-Artikolu 3 tal-imsemmija deċiżjoni qafas jistabbilixxi r-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju tal-mandat ta' arrest Ewropew. Huwa jipprovdi:

"L-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni") għandha tiċħad li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew fil-każijiet li ġejjin:

[...]

3) jekk il-persuna li hi s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew ma tistax, minħabba fl-età tagħha, tinsab kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom hu bbażat il-mandat ta' arrest skont il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni."

9. Skont it-termini tal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584:

"1. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi, fil-limiti ta' żmien u taħt il-kondizzjonijiet definiti f'din id-Deċiżjoni Kwadru, jekk il-persuna għandhiex tiġi kkonsenjata.

2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru emittenti mhijiex suffiċjenti biex tiddeċiedi dwar il-konsenja, għandha titlob li l-informazzjoni supplementarja meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-Artikoli 3 sa 5 u l-Artikolu 8, tiġi mogħtija bħala kwistjoni ta' urġenza u tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien għall-wasla tagħha, waqt li tittieħed f'konsiderazzjoni l-ħtieġa li jkunu mħarsin il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 17.

3. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' fi kwalunkwe ħin titrasmetti kwalunkwe informazzjoni utli addizjonali lill-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni."

B. Id-dritt Belġjan

10. L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ġie traspost, fid-dritt Belġjan, mill-Artikolu 4(3) tal-wet betreffende het Europees aanhoudingsbevel (liġi dwar il-mandat ta' arrest Ewropew) tad-19 ta' Diċembru 2003 (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-mandat ta' arrest Ewropew")[5]. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandha tiġi rrifjutata jekk il-persuna li tkun is-suġġett ta' dan il-mandat għadha ma tistax, abbażi tad-dritt Belġjan, tinżamm kriminalment responsabbli għall-fatti li fuqhom huwa bbażat l-imsemmi mandat minħabba l-età tagħha.

11. Għal dan il-għan, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, fid-dritt Belġjan, l-età ta' responsabbiltà kriminali hija stabbilita għal 18-il sena. Madankollu, ir-responsabbiltà kriminali ta' minuri li għandu iktar minn sittax-il sena tista' tiġi inkorsa jekk dan tal-aħħar wettaq reat tat-traffiku jew jekk il-qorti tal-minorenni tirrinunzja l-ġurisdizzjoni tagħha fil-konfront tiegħu.

5 *Belgisch Staatsblad*, 22 ta' Diċembru 2003, p. 60075.

12. Fil-fatt, abbażi tal-Artikolu 36(4) tal-wet betreffende de jeugdbescherming, het ten laste nemen van minderjarigen die een als misdrijf omschreven feit hebben gepleegd en het herstel van de door dit feit veroorzaakte schade (liġi dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ, it-teħid ta' responsabbiltà għal minuri li wettqu fatt li jikklassifika bħala reat u għall-kumpens tad-dannu kkawżat minħabba dan), tat-8 ta' April 1965[6], fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ"), il-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni, il-Belġju) għandha ġurisdizzjoni fir-rigward ta' azzjonijiet tal-prosekutur pubbliku fir-rigward tal-persuni akkużati abbażi ta' fatt li jikklassifika bħala reat imwettaq qabel ma jagħlqu l-età ta' 18-il sena.

13. L-Artikolu 57a (1) ta' din il-liġi jindika li, jekk il-persuna mressqa quddiem il-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni), minħabba fatt ikklassifikat bħala reat, kellha l-età ta' sittax-il sena jew iktar fil-mument li twettaq dan ir-reat u l-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni) tqis bħala inadwegata miżura ta' kustodja, ta' protezzjoni jew ta' edukazzjoni, din il-qorti tista' permezz ta' deċiżjoni motivata, tirrinunzja l-ġurisdizzjoni tagħha, u tirrinvija l-każ quddiem il-prosekutur pubbliku, għall-finijiet ta' proċeduri, kemm quddiem awla speċifika, fi ħdan il-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni), jew quddiem qorti tal-assiżi, skont ir-reat imwettaq.

14. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni) tista', madankollu, tirrinunzja l-ġurisdizzjoni tagħha biss jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfatti jiġifieri li l-persuna kkonċernata kienet diġà s-suġġett ta' waħda mill-miżuri previsti fl-Artikolu 37(2), (2a), jew 2(b) tal-liġi dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ jew ta' offerta ta' ġustizzja restorattiva hekk kif prevista fl-Artikoli 37a sa 37d ta' din il-liġi, jew ukoll jekk huwa reat previst mill-Artikoli 373, 375, 393 sa 397, 400, 401, 417b, 417c, 471 sa 475 tal-kodiċi kriminali jew ta' attentat sabiex jitwettaq reat previst fl-Artikoli 393 sa 397 ta' dan il-kodiċi.

15. L-Artikolu 57a(1), tal-liġi dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ jipprevedi, ukoll, li l-motivazzjoni tal-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni) hija bbażata fuq il-personalità tal-persuna kkonċernata u tal-persuni assoċjati magħha, kif ukoll fuq il-grad ta' maturità ta' din il-persuna. Dan l-artikolu jista' jiġi applikat anki meta l-persuna tkun għalqet l-età ta' 18-il sena fil-mument tad-deċiżjoni. F'dan il-każ, hija għandha titqies bħal minuri.

16. Konformement mal-Artikolu 57a(2) ta' din il-liġi, il-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni) tista' biss tirrinunzja l-ġurisdizzjoni fuq kawża bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu biss wara li tkun wettqet studju soċjali u eżami mediku-psikoloġiku. Dan tal-aħħar għandu bħala għan li jevalwa s-sitwazzjoni fil-konfront tal-personalità tal-persuna kkonċernata u tal-persuni assoċjati magħha, kif ukoll tal-grad ta' maturità tal-persuna kkonċernata. Għal dan il-għan, in-natura, il-frekwenza u l-gravità tar-reati li hija akkużata bihom jittieħdu inkunsiderazzjoni sa fejn dawn huma rilevanti sabiex tiġi evalwata l-personalità tagħha.

17. Taħt ċerti kundizzjonijiet, il-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni) tista' tirrinunzja l-ġurisdizzjoni tagħha f'kawża mingħajr ma twettaq studju soċjali u/jew mingħajr ma jkollha r-rapport tal-eżami mediku-psikoloġiku.

II. Il-fatti tal-kawża prinċipali

18. Fis-17 ta' Lulju 2014, is-Sąd Okręgowy w Białymstoku (qorti reġjonali ta' Białystok, il-Polonja) ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra D. Piotrowski, ċittadin Pollakk, fuq il-bażi ta' żewġ kundanni definittivi.

6 *Belgisch Staatsblad*, 15 ta' April 1965, p. 4014.

19. B'hekk, din il-qorti kkundannat lil D. Piotrowski, permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2011, għal piena ta' priġunerija ta' sitt xhur, minħabba li wettaq reati ta' serq u, iktar preċiżament, għas-serq ta' rota, u, permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Settembru 2012, għal piena ta' priġunerija ta' sentejn u sitt xhur minħabba l-fatt li pprovda informazzjoni falza relatata ma' attentat gravi. Iż-żewġ pieni imposti għad iridu jiġu skontati fit-totalità tagħhom.

20. Permezz ta' digriet tas-6 ta' Ġunju 2016, l-onderzoekrechter van de Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (imħallef istruttorju tal-qorti tal-prim'istanza bil-lingwa Olandiża ta' Brussell, il-Belġju) ordna t-tpoġġija taħt detenzjoni ta' D. Piotrowski għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u tal-konsenja ta' dan tal-aħħar lill-awtoritajiet Pollakki fuq il-bażi tal-kundanna tal-10 ta' Settembru 2012. Bil-kontra, permezz tal-istess digriet, dan l-imħallef istruttorju indika li l-mandat ta' arrest Ewropew ma setgħax jiġi eżegwit f'dak li jikkonċerna l-kundanna tal-15 ta' Settembru 2011, minħabba l-fatt li D. Piotrowski kien minuri fiż-żmien meta seħħew il-fatti.

21. Fis-7 ta' Ġunju 2016, il-procureur des Konings (prosekutur pubbliku, il-Belġju), appella minn dan id-digriet f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew li jirrigwarda l-kundanna imposta fil-15 ta' Settembru 2011. Huwa spjega li minuri ta' iktar minn sittax-il sena jista' jkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet Belġjani jekk il-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni) tirrinunzja l-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-kawża, konformement mal-liġi dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ. F'dan il-każ, din tal-aħħar tevalwa *in concreto* s-sitwazzjoni tal-minuri sabiex tiddetermina jekk ir-responsabbiltà kriminali tiegħu tistax tiġi mnedija u jekk jistax ikun is-suġġett ta' proċeduri kriminali.

22. Bil-kontra, huwa jqis li, f'dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, ma jkunx neċessarju li titwettaq din l-evalwazzjoni *in concreto* u li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kriterju tal-età biss, jiġifieri għandu jiġi ddeterminat jekk il-persuna kinitx għalqet l-età ta' sittax-il sena fil-mument li fihom twettqu r-reati. Skont il-procureur des Konings (prosekutur pubbliku), minn din l-età, ir-responsabbiltà kriminali hija, effettivament, possibbli mingħajr ma jkun importanti li jsir magħruf, fil-kuntest tad-dritt tal-konsenja jew tal-estradizzjoni, liema kundizzjonijiet addizzjonali għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġu mnedija proċeduri konformement mad-dritt Belġjan. F'dan ir-rigward, il-procureur des Konings (prosekutur pubbliku) jippreċiża li l-qorti Belġjana ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq l-azzjoni kriminali u ma tistax, barra minn hekk, timponi fuq l-awtorità li ħarġet it-talba għal konsenja jew għal estradizzjoni xi kundizzjonijiet li ma humiex parti mid-dritt nazzjonali ta' din l-awtorità.

23. Il-qorti tar-rinviju, il-hof van beroep te Brussel (qorti tal-appell ta' Brussell), hija, fir-realtà, ikkonfrontata b'żewġ ġurisprudenzi kontradittorji fir-rigward tal-fatt sabiex isir magħruf jekk minuri ta' sittax-il sena jistax jiġi kkonsenjat jew le fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew.

24. Fil-fatt, permezz ta' sentenza tas-6 ta' Frar 2013[7], it-tieni awla, bil-lingwa Franċiża, tal-Hof van Cassatie (qorti ta' kassazzjoni, il-Belġju) iddeċidiet, essenzjalment, li, fil-każ fejn il-proċedura ta' rinunzja tal-ġurisdizzjoni ma hijiex applikabbli għal persuna mfittxija mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor, din il-proċedura ma setgħetx tiġi applikata fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew li jikkonċerna minuri. Għaldaqstant, il-konsenja ta' dan il-minuri ma tistax titwettaq.

25. Madankollu, permezz ta' sentenza tal-11 ta' Ġunju 2013[8], il-Hof van Cassatie (qorti ta' kassazzjoni), b'deċiżjoni f'seduta plenarja, qieset, essenzjalment, li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li huwa l-bażi tal-mandat ta' arrest Ewropew jimplika li l-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ma tistax tiddeċiedi fuq l-azzjoni pubblika. Għaldaqstant, dan jeskludi, għall-qorti Belġjana, kull evalwazzjoni minn qabel tan-natura adegwata ta' miżura ta' kustodja, ta' protezzjoni jew ta' edukazzjoni fir-rigward

7 Sentenza Nru P.13.0172.F, disponibbli fl-indirizz internet li ġej: http://jure.juridat.just.fgov.be/pdfapp/download_blob?idpdf=F-20130206-3.
8 Sentenza Nru P.13.0780.N, disponibbli fuq is-sit internet li ġej: http://jure.juridat.just.fgov.be/pdfapp/download_blob?idpdf=F-20130611-2.

tal-adozzjoni jew le ta' miżura ta' rinunzja ta' ġurisdizzjoni tal-familie- en jeugdrechtbank (qorti tal-familja u tal-minorenni). Konsegwentement, il-konsenja ta' persuna tal-età ta' sittax-il sena jew iktar fil-mument li fih twettaq ir-reat – li fil-każ preżenti kien qtil – ma hijiex suġġetta għal deċiżjoni ta' rinunzja ta' ġurisdizzjoni u din il-persuna tista' għaldaqstant tinżamm kriminalment responsabbli fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-liġi dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

26. Ikkonfrontata b'din l-inċertezza ġurisprudenzjali, il-qorti tar-rinviju għaldaqstant iddeċidiet li tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja.

III. Id-domandi preliminari

27. Peress li kellha xi dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata d-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-hof van beroep te Brussel (qorti tal-appell ta' Brussell) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas 2002/584] għandu jiġi interpretat biss fis-sens li tista' tiġi awtorizzata l-konsenja ta' persuni kkunsidrati li laħqu l-età maġġuri taħt il-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jew id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tippermetti wkoll lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jawtorizza l-konsenja ta' minuri li, fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali, jistgħu jinżammu kriminalment responsabbli minn età speċifika (u kemm jekk ċerti kundizzjonijiet ġew osservati jew le) [(jekk ikun il-każ, filwaqt li jiġu osservati numru ta' kundizzjonijiet)]?

2) Fil-każ li l-Artikolu 3(3) [ta din id-]Deċiżjoni Qafas ma jipprojbixxix il-konsenja ta' minuri, din id-dispożizzjoni għandha għaldaqstant tiġi interpretata:

   a) fis-sens li l-eżistenza fid-dritt nazzjonali, ta' possibbiltà (teoretika) li tissanzjona kriminalment il-minuri minn età speċifika hija kriterju suffiċjenti sabiex tiġi awtorizzata l-konsenja (fi kliem ieħor, hija biżżejjed evalwazzjoni *in abstracto* abbażi tal-kriterju tal-età li minnha persuna tista' tinżamm kriminalment responsabbli, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jittieħdu inkunsiderazzjoni kundizzjonijiet supplimentari oħra possibbli)? jew

   b) fis-sens li la l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas [2002/584] u lanqas l-Artikolu 3(3) ta' din id-deċiżjoni qafas ma jipprekludi lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni milli jagħmel evalwazzjoni *in concreto*, fuq il-bażi ta' każ b'każ, li taf tirrikjedi li fir-rigward tal-persuna rikjesta għall-konsenja, l-osservanza tal-istess kundizzjonijiet ta' responsabbiltà kriminali bħal dawk applikabbli għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-età tagħhom fil-mument tal-fatti u n-natura tar-reat kkontestat, kif ukoll interventi ġudizzjarji preċedenti fl-Istat Membru emittenti li wasslu għal miżura ta' natura edukattiva, anki jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jeżistux fl-Istat Membru emittenti?

3) Għaldaqstant, jekk l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jagħmel evalwazzjoni *in concreto*, ma jaqbilx, sabiex tiġi evitata l-impunità, li ssir distinzjoni bejn konsenja għall-finijiet tat-tmexxija tal-proċeduri kriminali u konsenja għall-eżekuzzjoni ta' piena?"

IV. L-analiżi tiegħi

28. Qabel kollox, għandu jiġi indikat li, fl-opinjoni tiegħi, ma hemm l-ebda dubju li r-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista fl-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tapplikax minħabba s-sempliċi fatt li l-awtur tal-ksur li kontrih inħareġ dan il-mandat huwa minuri.

29. Fil-fatt, mix-xogħol preparatorju li wassal għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni preċiżament is-sitwazzjonijiet tal-persuni minuri billi inserixxa emenda waqt il-proċedura leġiżlattiva li tipprevedi li Stat Membru jista' ma jikkonsenjax minuri li kontrih inħareġ mandat ta' arrest Ewropew meta huwa ma jistax, minħabba l-età tiegħu, jinsab kriminalment responsabbli skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Iktar preċiżament, il-Parlament Ewropew, awtur ta' din l-emenda, iġġustifika din tal-aħħar billi indika li "[m]eta l-persuna rikjesta hija kkunsidrata bħala *persuna minuri* fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dan l-Istat Membru għandu jkollu l-possibbiltà li jirrifjuta li jeżegwixxi l-mandat ta' arrest" [9].

30. Din ir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, li kienet fakultattiva fl-oriġini tagħha, saret waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju, ifformulat fil-preżent fl-Artikolu 3(3) tal-imsemmija deċiżjoni qafas.

31. Inżid li l-età tar-responsabbiltà kriminali ma għandhiex titħawwad mal-età maġġuri għar-responsabbiltà kriminali, li huma żewġ kunċetti distinti tassew. Il-minuri jistgħu jinżammu kriminalment responsabbli għar-reati li jwettqu. Min-naħa tagħha, l-età maġġuri għar-responsabbiltà kriminali hija kunċett li jiddefinixxi l-età li minnha persuna tista' tiġi suġġetta għad-dritt komuni tar-responsabbiltà kriminali.

32. Għaldaqstant, huwa evidenti li l-leġiżlatur tal-Unjoni, billi ppreċiża f'din id-dispożizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li tikkonsenja lill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti persuna li "ma tistax, minħabba l-età tagħha, tinżamm kriminalment responsabbli" għar-reati li hija wettqet, kien qiegħed jirreferi mhux għall-persuni li għadhom ma kisbux l-età maġġuri għar-responsabbiltà kriminali, iżda għall-minuri li ma jistgħux jinżammu kriminalment responsabbli skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

33. Għaldaqstant, inqis li l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju ta' mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni ma tapplikax minħabba s-sempliċi fatt li l-awtur tar-reat li kontrih inħareġ dan il-mandat huwa minuri.

34. Preżentement, għandu jiġi ddeterminat, hekk kif tistaqsi essenzjalment il-qorti tar-rinviju, jekk il-kunċett ta' "kriminalment responsabbli", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jawtorizzax lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għall-finijiet ta' konsenja tal-minuri lejn l-Istat Membru emittenti, sabiex jipproċedi għal eżami tas-sitwazzjoni ta' dan il-minuri sabiex jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet rekwiżiti mid-dritt nazzjonali tiegħu sabiex jinżamm kriminalment responsabbli ġewx issodisfatti.

35. Id-domandi preliminari magħmula jikkonċernaw id-dritt kriminali applikabbli għall-minuri. Għaldaqstant, jistgħu jingħataw risposta biss billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi ta' dan id-dritt li, minn naħa, jinvoka l-mekkaniżmi klassiċi tar-responsabbiltà kriminali, iżda, min-naħa l-oħra, jintroduċi xi regoli li emendaw fundamentalment il-funzjonament u l-approċċ tagħhom.

36. Qabel kollox, fir-rigward tar-regoli klassiċi tal-mekkaniżmu tar-responsabbiltà fil-qasam kriminali, għandu jitfakkar li, sabiex jiġi rrikonoxxut bħala responsabbli kriminalment għal att materjali li l-liġi tal-post li fih twettaq tistabbilixxih bħala reat kriminali, l-awtur għandu jippreżenta l-karatteristiċi li ġejjin:

– kien konxju ta' dak li kien qed jagħmel;

9 Ara r-rapport tal-Parlament Ewropew, tal-14 ta' Novembru 2001, fuq il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni ta' deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (A5-0397/2001, emenda 72), disponibbli fl-indirizz internet li ġej: http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//NONSGML+REPORT+A5-2001-0397+0+DOC+PDF+V0//FR. (korsiv miżjud minni).

– kien jaf li l-att kien ipprojbit, u

– xtaq iwettqu xorta waħda.

37. Dawn il-karatteristiċi (kuxjenza, dixxerniment u rieda) huma evalwati konkretament, każ b'każ, u jikkostitwixxu, fl-osservanza tar-regoli ta' smigħ xieraq, il-missjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' stħarriġ, ta' istruzzjoni, u ta' deċiżjoni. F'dan il-każ huma dawk tal-Istat Membru emittenti.

38. Imbagħad, fir-rigward tal-karatteristiċi sostanzjali tad-dritt tal-minuri, għandu jiġi indikat f'xiex dawn jikkonsistu fundamentalment.

39. Fid-dawl tar-regoli ġenerali li jirregolaw il-kunċett ta' responsabbiltà kriminali jidher ċar li l-introduzzjoni tagħhom ikollha diffikultà ħafna ikbar meta l-minuri huwa żgħir. Sabiex tiġi riżolta din id-diffikultà, ċerti Stati Membri għandhom approċċ *in concreto*, kif iddeskrivejt fil-punt 36 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, u xi oħrajn stabbilixxew sistema li teskludi kull responsabbiltà kriminali meta tkun età inqas minn dik stabbilità mil-liġi.

40. Imbagħad, fir-rigward tas-sanzjoni applikabbli, tidher differenza essenzjali mid-dritt applikabbli għad-delinkwenti adulti, li tikkonsisti, fir-realtà, fl-introduzzjoni ta' distinzjoni bejn responsabbiltà u punibbiltà. B'hekk, delinkwent minuri jkun jista' jiġi rrikonoxxut bħala responsabbli, iżda, minħabba l-età tiegħu, il-liġi tipprojbixxi li tkun tista' tiġi applikata piena kontrih.

41. Din is-soluzzjoni, li tista' tidher bħala singulari, jew singularment ikkumplikata, hija, fil-fatt, il-konkretizzazzjoni ta' wieħed mill-prinċipji fundamentali li huma l-bażi tad-dritt tal-minuri, jiġifieri l-prinċipju ta' preferenza edukattiva.

42. Il-ħolqien ta' dan il-prinċipju huwa l-konsegwenza tal-evoluzzjoni storika ta' dan il-qasam tad-dritt kriminali, evoluzzjoni li tħaffet eżatt wara t-Tieni Gwerra Dinjija, taħt l-effett partikolarment tat-teoriji msemmija bħala tad-"difiża soċjali", li jenfasizzaw il-prevenzjoni, l-edukazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid.

43. Il-partikolarità tad-dritt kriminali tal-minuri hija llum enfasizzata permezz tad-diversi strumenti internazzjonali li magħhom l-Istati Membri kkoperaw jew aderixxew. Fosthom, nista' niċċita lill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal [10], kif ukoll it-totalità tar-regoli minimi tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-ġustizzja għall-minuri (Regoli ta' Beijing) [11].

44. L-Unjoni Ewropea diġà integrat din l-ispeċifiċità u tiżgura li din tkun integrata fil-politiki kollha tal-Unjoni. B'hekk, fil-Programm tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal [12], il-Kummissjoni tispjega li "[l]i s-sistema ġudizzjarja fl-Ewropa tieħu ħsieb aktar l-interessi tal-minuri huwa punt għall-azzjoni ewlieni [ta' dan il-programm]" u tippreċiża li "[i]d-detenzjoni tat-tfal għandha tkun miżura aħħarija u għal perijodu qasir kemm jista' jkun" [13]. Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2016/800, tal-11 ta' Mejju 2016, dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali [14] tqiegħed enfasi partikolari fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' din l-ispeċifiċità tad-dritt kriminali tal-minuri fid-dritt tal-Unjoni.

10 Konvenzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-riżoluzzjoni tagħha 44/25, tal-20 ta' Novembru 1989, u li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990.

11 Adottata minn din l-istess Assemblea fir-riżoluzzjoni tagħha 40/33 tad-29 ta' Novembru 1985.

12 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2011) 60 finali.

13 Ara p. 6 *et seq.* ta' din il-komunikazzjoni.

14 ĠU 2016, L 132, p. 1.

45. Din l-istess neċessità ġiet enfasizzata mill-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport "Ġustizzja kriminali tal-minuri adattata għat-tfal: mir-retorika għar-realtà"[15]. F'dan ir-rapport, il-Kunsill tal-Ewropa jippreċiża ruħu iktar u jappella lill-Istati Membri, partikolarment, sabiex jiffissaw l-età minima għar-responsabbiltà kriminali għal mill-inqas erbatax-il sena, billi ddefinixxa sensiela ta' soluzzjonijiet adattati għad-delinkwenti l-iktar żgħar sabiex jissostitwixxi l-proċeduri kriminali tradizzjonali u sabiex jiżgura li d-detenzjoni tal-minuri tkun biss miżura aħħarija u ta' dewmien qasir kemm jista' jkun, b'mod partikolari billi żviluppa xi miżuri u sanzjonijiet alternattivi li ma jċaħħdux il-libertà li jissostitwixxu l-arrest provviżorju u l-priġunerija wara l-proċess, bħat-twissijiet jew ċanfiriet, miżuri edukattivi, multi, ordnijiet ta' sorveljanza, programmi ta' taħriġ, eċċ. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kollha jirriflettu, essenzjalment, ir-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal[16] u fir-Regoli ta' Beijing[17].

46. Minn dak li ntqal qabel jirriżulta li, fil-qasam tad-dritt kriminali tal-minuri, il-piena għandha biss natura sussidjarja u l-edukattiv irid jieħu preċedenza. Huwa minħabba dan li nitkellmu fuq "preferenza edukattiva".

47. Din l-ispeċifiċità tant hija b'saħħitha li, fl-opinjoni tiegħi, hija tirriferi għall-kunċett tad-drittijiet fundamentali. Insibu l-affermazzjoni ta' dan fl-Artikolu 24(2) tal-Karta, li jipprovdi li "[f]l-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja".

48. Huwa barra minn hekk dan l-interess superjuri li jiġġustifika u jimponi li l-iskema tradizzjonali tar-risposta tad-dritt kriminali tkun emendata skont dak li jimponu t-teħid inkunsiderazzjoni tal-interess tat-tifel jew tifla minħabba l-età tagħhom u l-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri li jiġi żgurat li l-intervent ġudizzjarju ripressiv jippermetti li jiġu żgurati kemm jista' jkun l-integrazzjoni mill-ġdid u l-edukazzjoni tagħhom.

49. Fir-rigward ta' persuna umana li, minħabba l-età tagħha, il-personalità tagħha għadha qed tiżviluppa, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan l-interess superjuri, li jingħaqad barra minn hekk ma' dak tas-soċjetà kollha kemm hi, jiġġustifika li xi miżuri partikolari jittieħdu fir-rigward kemm tal-proċeduri ta' investigazzjoni u ta' istruzzjoni u kemm tad-deċiżjoni u li l-firxa tar-risposti applikabbli tkun iddiversifikata sal-punt li miżura edukattiva tkun tista' tiġi deċiża bħala piena meta l-liġi tippermetti.

50. Fil-fatt, il-liġi tista' tipprojbixxi dan billi jitqies li, meta l-età tkun inqas minn età partikolari, il-kunċett stess ta' piena ma huwiex adegwat u li, fir-rigward tal-minuri li għadu żgħir, il-miżura meħuda ma għandhiex tingħata ħlief f'kuntest purament edukattiv u mhux bħala taħlita ta' sanzjoni u ta' edukazzjoni, peress li dan jirriskja li joħloq distorsjoni tat-tifsira, li jikkompromettі l-parteċipazzjoni tal-minuri f'din il-miżura u għaldaqstant, tal-effikaċja ta' din.

51. B'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipji li fakkart iktar 'il fuq, fl-opinjoni tiegħi huwa neċessarju li jkun hemm qbil li kull sistema li ma tistabbilixxi l-ebda differenza bejn il-pieni applikabbli fuq delinkwent adult u dawk applikabbli fuq delinkwent minuri tikser, fir-realtà, id-drittijiet fundamentali tal-minuri inkwistjoni, peress li l-individwalizzazzjoni tal-piena – li hija kundizzjoni neċessarja tal-prinċipju ta' preferenza edukattiva – tkun għaldaqstant impossibbli sa fejn il-libertà tal-evalwazzjoni tal-qorti ssib ruħha pparalizzata mil-liġi stess.

15 Rapport tad-19 ta' Mejju 2014, Dok. 13511.

16 Ara l-Artikolu 40 ta' din il-konvenzjoni.

17 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 17 ta' dawn ir-regoli.

52. Fir-realtà, id-dritt komparattiv jgħallem li, għall-inqas fid-dritt tal-Istati Membri tal-Unjoni, dawn tal-aħħar implementaw sistema li tippermetti lill-qorti sabiex tiżgura din l-individwalizzazzjoni permezz ta' żewġ approċċi komplementari. Qabel kollox, permezz tad-diversifikazzjoni tal-pieni li tista' timponi l-qorti, imbagħad billi ma jrendux possibbli li jiġu imposti dawk li huma simili għall-pieni klassiċi ta' priġunerija jew għal multa ħlief fuq ċerti gruppi ta' età.

53. B'hekk, meta l-età tkun inqas minn età partikolari, l-ebda piena ma tista' tiġi imposta. Meta tkun ogħla, għar-reati mwettqa fil-grupp ta' età immedjatament ikbar, il-piena imposta tkun tista' tikkonsisti biss minn miżura edukattiva. Għall-grupp ta' età li jmiss, il-pieni normalment imposti, iżda kkunsidrati bħala sussidjarji, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza edukattiva, ikunu f'kull każ imnaqqsa b'mod imperattiv u l-prinċipju tal-applikazzjoni tagħhom għal każ speċifiku motivat b'mod speċjali. Huwa fi stadji suċċessivi li jikkorrispondu għal gruppi ta' etajiet suċċessivi li d-delinkwent minuri gradwalment jilħaq l-istatus li huwa dak tal-età maġġuri għar-responsabbiltà kriminali.

54. Fil-kuntest ta' dan l-approċċ, insibu ruħna għaldaqstant f'qasam li fih, ir-riferiment għall-età jsir koerenti għall-Istati Membri kollha. Minn naħa, dan il-qasam iħalli lil kull wieħed il-libertà li jagħżel il-metodu li bih għandu l-intenzjoni sabiex jiddetermina r-responsabbiltà kriminali tal-minuri, iżda jobbligah sabiex jirrikonoxxi lil dak magħżul mill-Istati Membri l-oħra, u, min-naħa l-oħra, permezz ta' riferiment għall-piena mġarrba jew imposta, jippermetti li jiġi stabbilit kriterju oġġettiv ta' korrispondenza li tiddetermina l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-konsenja.

55. Minn dan jirriżulta li huwa f'dan is-sens li għandu jiġi interpretat l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Ir-riferiment għall-età li jitwettaq hemmhekkk jikkonċerna l-età li fiha piena tista' tiġi applikata fuq awtur minuri. Fil-fatt, ma jistax jiġi ammess li ċerti Stati Membri, minħabba l-fatt li d-dritt nazzjonali tagħhom jipprattika teknika ta' evalwazzjoni każ b'każ tar-responsabbiltà kriminali tal-minuri permezz tar-riċerka *in concreto* tal-preżenza konkomitanti tat-tliet kriterji indikati fil-punti 36 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, ikunu jistgħu jwettqu din l-analiżi fil-kwalità tagħhom ta' Stat Membru ta' eżekuzzjoni. Fil-fatt, dan iwassal sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid sistema ta' estradizzjoni oneruża li teħtieġ li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jitlob li jintbagħatlu l-proċess sħiħ tal-proċedimenti jew tal-kundanna u li jivverifika li jikkorrispondi fl-elementi kollha tiegħu ma' dak tal-proċedura nazzjonali tiegħu.

56. Tali ipoteżi tkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Din tobbliga lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni sabiex jaċċetta l-analiżi tal-Istat Membru emittenti li tikkonċerna l-ħtija, potenzjali fil-każ ta' proċeduri jew stabbilita fil-każ ta' kundanna deċiża fl-Istat Membru emittenti. Issa, din id-deċiżjoni qafas hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku [18]. Għaldaqstant ma tistax tiġi interpretata fis-sens li twassal sabiex iċaħħad lil dan il-prinċipju.

57. Bil-kontra, il-punt essenzjali jibqa' dak sabiex isir magħruf jekk, minħabba l-età tiegħu, il-minuri jistax jiġi suġġett għal piena. Din id-domanda fundamentali hija ppreżentata mill-Artikolu 3(3) tal-imsemmija deċiżjoni qafas li, fil-każ ta' risposta negattiva, jistabbilixxi raġuni awtomatika ta' rifjut ta' konsenja. Din id-dispożizzjoni tiżgura l-osservanza assoluta mill-Istati Membri kollha ta' wieħed mill-kunċetti fundamentali tad-dritt tal-minuri. Permezz ta' dan, hija tosserva d-drittijiet fundamentali li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-Artikolu 24(2) tal-Karta.

18 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58. Għall-kompletezza, għandu jingħad li n-natura tad-dritt tal-minuri, fundamentalment ippuntat lejn il-prijorità edukattiva, jimponi li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-konsenja abbażi tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tistax twassal għar-rilaxx purament u sempliċi "fin-natura" tal-minuri. Bil-kontra, minn dan jirriżulta, fil-loġika tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-interess superjuri tal-minuri, l-obbligu tat-teħid inkunsiderazzjoni taħt metodu ieħor, jiġifieri dak tal-assistenza edukattiva. Dan tal-aħħar huwa metodu ta' teħid inkunsiderazzjoni u ta' protezzjoni tal-minuri, fl-interess superjuri tiegħu, kull darba li s-saħħa, is-sigurtà, jew il-moralità tiegħu jiġu kompromessi.

59. Issa, hawnhekk, jekk tirriżulta kwistjoni ta' konsenja, huwa tabilħaqq minħabba l-fatt li tikkonċerna reat imwettaq fl-Istat Membru emittenti, reat li n-nuqqas ta' responsabbiltà kriminali, tkun xi tkun id-definizzjoni ta' din l-espressjoni, ma jistax ixejnu. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li t-twettiq ta' att ipprojbit, ta' gravità ċerta peress li kien jissodisfa l-kriterji li jippermettu l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew, jiġi meqjus bħala normali. Huwa għaldaqstant tassew obbligu ta' teħid ta' responsabbiltà li huwa impost b'hekk fuq l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, abbażi, hawnhekk ukoll, tad-drittijiet fundamentali tat-tfal. Infakkar, barra minn hekk, li dan huwa rifjut ta' konsenja minħabba l-fatt li l-minuri huwa żgħir wisq sabiex jiġi suġġett għal piena, anki jekk tkun tikkonsisti fiha nnifisha f'miżura edukattiva, fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. L-obbligu tat-teħid ta' responsabbiltà minn dak l-Istat għalhekk huwa tassew iktar sinjifikattiv.

60. Din l-interpretazzjoni, li tiffoka fuq il-komplementarjetà tal-aspetti differenti tad-dritt tal-minuri, tidhirli li hija ta' natura li tirrispetta l-bażi tar-regoli speċifiċi tad-dritt tal-minuri li, fl-ewwel lok, tesprimi s-solidarjetà essenzjali bejn il-ġenerazzjonijiet u l-popli. Nemmen tassew li l-użu tar-regoli li jippermettu l-ħolqien tal-ispazju tal-libertà, ta' solidarjetà u ta' ġustizzja ma jistax jiġi interpretat b'mod li jikkontradixxi lil dan l-ideal, iżda bil-kontra, li jiffavorixxih.

61. Fir-rigward tal-każ preżenti, it-talba għal konsenja tapplika għal minuri li kontrih, fid-dritt Belġjan, l-impożizzjoni ta' piena ma hijiex eskluża. Madankollu, dan jirrekjedi, mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, li jipproċedu għall-eżami tal-personalità tal-minuri, tal-passat tiegħu u tal-eżistenza ta' dixxerniment jew le fil-mument li fih twettaq ir-reat. Issa, dawn id-domandi u, b'mod partikolari, dik sabiex isir magħruf liema sanzjoni tista' tiġi applikata fuq il-minuri minħabba l-personalità u l-età tiegħu jitqajmu wkoll fl-Istat Membru emittenti. Ir-risposta għall-imsemmija domandi taqa' għaldaqstant taħt evalwazzjoni li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat biss. Ir-rifjut ta' din is-soluzzjoni twassal, taħt perspettiva oħra, għaċ-ċaħda tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka.

62. Konsegwentement, minħabba r-raġunijiet preċedenti kollha, naħseb li l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri fid-dawl tal-Artikolu 24(2) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jirrifjuta l-konsenja ta' minuri meta dan tal-aħħar, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-età tiegħu fil-mument li fih twettaq ir-reat, ma tistax tiġi applikata kontrih ebda piena abbażi tad-dritt ta' dan l-Istat. Bil-kontra, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkollu jipproċedi għall-konsenja ta' minuri kull darba li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-età fil-mument li fih twettaq il-ksur, il-piena imposta fl-Istat Membru emittenti tikkorrispondi, fin-natura u fil-livell ta' daqs tagħha, għal piena li wkoll setgħet tiġi mġarrba jew imposta fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

63. Fil-każ ta' rifjut ta' konsenja ta' minuri mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dan tal-aħħar ikollu jissodisfa, fir-rigward ta' dan il-minuri, l-obbligi ta' teħid ta' responsabbiltà fil-kuntest tal-assistenza edukattiva li huwa marbut biha.

V. Konklużjoni

64. Fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-hof van beroep te Brussel (qorti tal-appell ta' Brussell, il-Belġju) kif ġej:

1) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, moqri fid-dawl tal-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   – ir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni ma tapplikax minħabba s-sempliċi fatt li l-awtur tar-reat li kontrih inħareġ dan il-mandat huwa minuri;

   – l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jirrifjuta l-konsenja ta' minuri meta dan tal-aħħar, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-età tiegħu fil-mument li fih twettaq ir-reat, ma jistax jiġi suġġett għal ebda piena abbażi tad-dritt ta' dan l-Istat, u

   – bil-kontra, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkollu jipproċedi għall-konsenja tal-minuri kull darba li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-età fil-mument li fih twettaq ir-reat, il-piena mġarrba fl-Istat Membru emittenti tikkorrispondi, fin-natura u fil-livell ta' daqs tagħha, għal piena li wkoll setgħet tiġi mġarrba jew imposta fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

2) Fil-każ ta' rifjut ta' konsenja ta' minuri mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dan tal-aħħar ikollu jissodisfa, fir-rigward ta' dan il-minuri, l-obbligi ta' teħid ta' responsabbiltà fil-kuntest tal-assistenza edukattiva li huwa marbut biha.